

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-2 ta' Ġunju 2023****li tistabbilixxi t-twegġiba finali dwar l-importazzjoni f'isem l-Unjoni rigward l-importazzjoni futura ta' ċerti sustanzi kimiċi skont ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(2023/C 198/07)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1), it-tieni u t-tielet subparagrafi tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal Ċerti Kimiċi u Pestiċidi Perikolużi fil-Kummerċ Internazzjonali ("il-Konvenzjoni") hija implimentata permezz tar-Regolament (UE) Nru 649/2012. F'konformità ma' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni trid ttipprovdi t-twegġibiet finali jew *interim* dwar l-importazzjoni f'isem l-Unjoni rigward l-importazzjoni futura tas-sustanzi kimiċi kollha li huma soġġetti għall-proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem (il-"proċedura PIC") lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni.
- (2) Fis-sessjoni wiċċ imb wiċċ tal-10 laqgħa tagħha li saret f'Ġinevra bejn is-6 u s-17 ta' Ġunju 2022, il-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni qablet li jiġu elenkati ċerti sustanzi kimiċi fl-Anness III tal-Konvenzjoni u b'hekk isiru soġġetti għall-proċedura PIC. Fil-21 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni ntbagħtilha dokument ta' gwida għad-deċiżjoni dwar kull sustanza kimika b'talba għal deċiżjoni rigward l-importazzjoni futura tas-sustanza kimika.
- (3) L-etero tad-dekabromodifenil ("decaBDE") żdied fl-Anness III tal-Konvenzjoni bħala sustanza kimika industrijali. Skont ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu tad-decaBDE huma pprojbti, soġġetti għal ċerti eżenzjonijiet. Għalhekk, il-kunsens għall-importazzjoni futura tad-decaBDE fl-Unjoni skont il-Konvenzjoni ta' Rotterdam jenħtieġ li jingħata biss jekk ikunu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.
- (4) L-aċidu perfluworooottanojku (PFOA), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA żdiedu mal-Anness III tal-Konvenzjoni bħala sustanza kimika industrijali. Il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-PFOA, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA huma pprojbti skont ir-Regolament (UE) 2019/1021, soġġetti għal ċerti eżenzjonijiet. Għaldaqstant il-kunsens għall-importazzjoni futura fl-Unjoni tal-PFOA, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA, skont il-Konvenzjoni ta' Rotterdam, jenħtieġ li jingħata biss jekk ikunu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

It-twegġibiet dwar l-importazzjoni għall-etero tad-dekabromodifenil ("decaBDE") u l-aċidu perfluworooottanojku (PFOA), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 201, 27.07.2012, p. 60.

⁽²⁾ ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45).

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ġunju 2023

Għall-Kummissjoni
Virginijus SINKEVIČIUS
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

Tweġiba dwar l-importazzjoni tal-eteri tad-dekabromodifenil



ROTTERDAM CONVENTION

SECRETARIAT FOR THE ROTTERDAM CONVENTION
ON THE PRIOR INFORMED CONSENT PROCEDURE
FOR CERTAIN HAZARDOUS CHEMICALS AND PESTICIDES
IN INTERNATIONAL TRADE



FORMOLA GĦAT-TWEĠIBA DWAR L-IMPORTAZZJONI

Pajjiż:	L-Unjoni Ewropea L-Istati Membri: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja.
----------------	---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

TAQSIMA 1 IDENTITÀ TAS-SUSTANZA KIMIKA

1.1	Isem komuni	Eteri tad-dekabromodifenil
1.2	Numru tal-CAS	1163-19-5
1.3	Kategorija	<input type="checkbox"/> Pestiċida <input checked="" type="checkbox"/> Industrijali <input type="checkbox"/> Formulazzjoni ta' pestiċida perikoluża ħafna

TAQSIMA 2 JEKK KIEN HEMM TWEĠIBA PREĊEDENTI, INDIKAZZJONI DWARHA

2.1	<input checked="" type="checkbox"/>	Din hija l-ewwel darba li qed tintbagħat tweġiba dwar l-importazzjoni ta' din is-sustanza kimika fil-pajjiż.
2.2	<input type="checkbox"/>	Din hija modifika ta' tweġiba preċedenti. Data tal-ħruġ tat-tweġiba preċedenti:

TAQSIMA 3 TWEĠIBA DWAR IMPORTAZZJONI FUTURA

<input checked="" type="checkbox"/>	Deċiżjoni finali (Imla t-taqsima 4 ta' hawn taħt) JEW	<input type="checkbox"/>	Tweġiba interim (Imla t-taqsima 5 ta' hawn taħt)
-------------------------------------	--------------------------------------------------------------	--------------------------	---------------------------------------------------------

TAQSIMA 4 DEĊIŻJONI FINALI, SKONT IL-MIŻURI LEĠIŻLATTIVI JEW AMMINISTRATTIVI NAZZJONALI

4.1	<input type="checkbox"/>	M'hemm l-ebda kunsens għall-importazzjoni				
		L-importazzjoni tas-sustanza kimika hija pprojbita simultanjament mis-sorsi kollha?	<input type="checkbox"/>	Iva	<input type="checkbox"/>	Le
		Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija pprojbita simultanjament?	<input type="checkbox"/>	Iva	<input type="checkbox"/>	Le

4.2 **Kunsens għall-importazzjoni**

4.3 **Kunsens għall-importazzjoni skont kundizzjonijiet speċifiċi biss**

Il-kundizzjonijiet speċifiċi huma:

- (1) Skont il-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.06.2019, p. 45), it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-etere tad-dekabromodifenil ("decaBDE") huma permessi biss permezz ta' deroga:
- (a) fil-manifattura ta' inġenju tal-ajru, li għalih tkun saret applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip qabel it-2 ta' Marzu 2019 u tkun waslet qabel Diċembru 2022, sat-18 ta' Diċembru 2023, jew, f'każijiet fejn il-ħtieġa kontinwa tkun ġustifikata, sat-2 ta' Marzu 2027;
- (b) fil-manifattura ta' spare parts għal dawn li ġejjin:
- (i) inġenju tal-ajru, li għalih tkun saret applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip qabel it-2 ta' Marzu 2019 u tkun waslet qabel Diċembru 2022, prodott qabel it-18 ta' Diċembru 2023, jew, f'każijiet fejn il-ħtieġa kontinwa tkun ġustifikata, prodott qabel it-2 ta' Marzu 2027, sa tmiem il-ħajja operattiva ta' dak l-inġenju tal-ajru;
- (ii) vetturi bil-mutur fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi ("Direttiva Kwadru") (ĠU L 263 9.10.2007, p. 1) (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45), prodotti qabel il-15 ta' Lulju 2019, sal-2036 jew sa tmiem il-ħajja operattiva ta' dawk il-vetturi bil-mutur, skont liema data tiġi l-ewwel;
- (c) tagħmir elettriku u elettroniku fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2011/65/UE.
- (2) L-eżenzjonijiet speċifiċi għal spare parts għall-użu f'vetturi bil-mutur imsemmija fil-punt (1)(b)
- (ii) għandhom japplikaw għall-manifattura u l-użu tad-decaDBE kummerċjali li jaqa' taħt waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:
- (a) applikazzjonijiet tas-sistemi tal-motopropulsjoni u ta' taħt il-bonit bħall-wajers tal-massa tal-batterija, il-wajers tal-interkonnnessjoni tal-batterija, il-pajpijiet tal-arja kundizzjonata mobbli (MAC), is-sistemi tal-motopropulsjoni, il-bushings tal-manifold tal-egżost, l-iżolament taħt il-bonit, il-wajers u l-faxx tal-wajers taħt il-bonit (wajers tal-magna, eċċ.), is-sensuri tal-veloċità, il-pajpijiet, il-moduli tal-fannijiet u s-sensuri tan-knock;
- (b) applikazzjonijiet tas-sistema tal-fjuwil bħal pajpijiet tal-fjuwil, tankijiet tal-fjuwil u tankijiet tal-fjuwil taħt il-karozzerija;
- (c) apparati pirotekniċi u applikazzjonijiet affettwati minn apparati pirotekniċi bħal kejbils tal-ignixin tal-airbags, covers/drappijiet tas-sits (unikament jekk rilevanti għall-airbags) u airbags (ta' quddiem u tal-ġenb).
- (3) L-eżenzjoni mogħtija skont il-punt (1)(c) hija soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin, fir-rigward tal-użu tad-decaBDE kummerċjali fit-tagħmir elettriku u elettroniku li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 174 1.7.2011, p. 88):
- (a) L-importazzjoni tal-etere tad-dekabromodifenil hija permessa biss għat-tqegħid fis-suq u l-użu fil-kejbils jew fl-ispare parts għat-tiswija, għall-użu mill-ġdid, għall-aġġornament tal-funzjonalitajiet jew għat-titjib tal-kapaċità ta' dawn li ġejjin:
- (i) it-tagħmir elettriku u elettroniku (EEE) li tqiegħed fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2006;
- (ii) l-apparat mediku li tqiegħed fis-suq qabel it-22 ta' Lulju 2014;
- (iii) l-apparat mediku dijanjostiku in vitro li tqiegħed fis-suq qabel it-22 ta' Lulju 2016;
- (iv) l-istrumenti ta' monitoraġġ u kontroll li tqiegħdu fis-suq qabel it-22 ta' Lulju 2014;
- (v) l-istrumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali li tqiegħdu fis-suq qabel it-22 ta' Lulju 2017;

		<p>(vi) L-EEE l-ieħor kollu li ma kienx jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar ir-restrizzjoni ta' l-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 037, 13.2.2003, p.19) u li tqiegħed fis-suq qabel it-22 ta' Lulju 2019;</p> <p>(vii) L-EEE li bbenefika minn eżenzjoni speċifika u li tqiegħed fis-suq qabel ma skadiet dik l-eżenzjoni, sa fejn hija kkonċernata dik l-eżenzjoni speċifika.</p> <p>(b) Għall-finijiet tal-punt (a), l-ispare parts huma ddefiniti bħala parti separata minn EEE li jistgħu jissostitwixxu parti minn EEE. L-EEE ma jstax jiffunzjona kif intenzjonat mingħajr dik il-parti tal-EEE. Il-funzjonalità tal-EEE terġa' tinkiseb jew titjeb meta l-parti tiġi sostitwita minn spare part.</p>
		<p>Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess <input checked="" type="checkbox"/> Iva <input type="checkbox"/> Le għas-sorsi kollha tal-importazzjoni?</p> <p>Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess bħal dawk għall-importazzjonijiet kollha? <input checked="" type="checkbox"/> Iva <input type="checkbox"/> Le</p>
4.4		<p>Miżura leġislattiva jew amministrattiva nazzjonali li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni finali</p> <p>Deskrizzjoni tal-miżura leġislattiva jew amministrattiva nazzjonali:</p>
		<p>Il-manifattura, it-tqiegħid fis-suq u l-użu tal-etero tad-dekabromodifenil huma pprojbiti fl-Unjoni, soġġetti għal ċerti eżenzjonijiet, skont ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.06.2019, p. 45).</p>

TAQSIMA 5 TWEĠIBA INTERIM

5.1	<input type="checkbox"/>	M'hemm l-ebda kunsens għall-importazzjoni	
		L-importazzjoni tas-sustanza kimika hija pprojbita simultanjament mis-sorsi kollha?	<input type="checkbox"/> Iva <input type="checkbox"/> Le
		Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija pprojbita simultanjament?	<input type="checkbox"/> Iva <input type="checkbox"/> Le
5.2	<input type="checkbox"/>	Kunsens għall-importazzjoni	
5.3	<input type="checkbox"/>	Kunsens għall-importazzjoni skont kundizzjonijiet speċifiċi biss	
		Il-kundizzjonijiet speċifiċi huma:	
		Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess għas-sorsi kollha tal-importazzjoni?	<input type="checkbox"/> Iva <input type="checkbox"/> Le
		Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess bħal dawk għall-importazzjonijiet kollha?	<input type="checkbox"/> Iva <input type="checkbox"/> Le
5.4		Indikazzjoni ta' kunsiderazzjoni attiva sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali	
		Hemm deċiżjoni finali li qed tiġi kkunsidrata b'mod attiv?	<input type="checkbox"/> Iva <input type="checkbox"/> Le
5.5		Informazzjoni jew assistenza mitluba sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali	
		Qed tintalab l-informazzjoni addizzjonali li ġeja mingħand is-Segretarjat:	

Qed tintalab l-informazzjoni addizzjonali li ġejja mingħand il-pajjiż li nnotifika l-azzjoni regolatorja finali:

Qed tintalab l-assistenza li ġejja għall-evalwazzjoni tas-sustanza kimika mingħand is-Segretarjat:

TAQSIMA 6 TAGĦRIF ADDIZZJONALI RILEVANTI, LI JISTA' JINKLUDI:

Din is-sustanza kimika hija rreġistrata fil-pajjiż bħalissa?	<input checked="" type="checkbox"/> Iva	<input type="checkbox"/> Le
Din is-sustanza kimika hija mmanifatturata fil-pajjiż?	<input type="checkbox"/> Iva	<input type="checkbox"/> Le
Jekk weġibt iva għal xi waħda minn dawn il-mistoqsijiet:		
Din is-sustanza kimika hija maħsuba għall-użu domestiku?	<input type="checkbox"/> Iva	<input type="checkbox"/> Le
Din is-sustanza kimika hija maħsuba għall-esportazzjoni?	<input type="checkbox"/> Iva	<input type="checkbox"/> Le

Rimarki oħra

TAQSIMA 7 AWTORITÀ NAZZJONALI DEŻINJATA

Istituzzjoni	Il-Kummissjoni Ewropea, DG Ambjent
Indirizz	Rue de la Loi 200, B-1049 Brussell, il-Belġju
Isem il-persuna inkarigata	Dr. Juergen Helbig
Pożizzjoni li tokkupa l-persuna inkarigata	Koordinatur tal-Politika Internazzjonali tas-Sustanzi Kimiċi
Telefown	32 2 298 85 21
Faks	32 2 296 76 16
Email:	Juergen.Helbig@ec.europa.eu

Data, firma f'isem l-awtorità nazzjonali deżinjata u siġill uffiċjali: _____

IBGĦAT LURA L-FORMOLA MIMLIJA LIL:

Secretariat for the Rotterdam Convention
Food and Agriculture Organization
of the United Nations (FAO)
Viale delle Terme di Caracalla
00100 Roma,
ITALIA
Tel. +39 0657053441
Faks +39 0657056347
Email: pic@pic.int

JEW

Secretariat for the Rotterdam Convention
United Nations Environment
Programme (UNEP)
11-13, Chemin des Anémones
CH-1219 Châtelaine, Geneva,
SWITZERLAND
Tel. +41 229178177
Faks +41 229178082
Email: pic@pic.int

Tweġiba dwar l-importazzjoni għall-aċidu perfluworoottanojku (PFOA), l-imluħa tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA



ROTTERDAM CONVENTION

SECRETARIAT FOR THE ROTTERDAM CONVENTION
ON THE PRIOR INFORMED CONSENT PROCEDURE
FOR CERTAIN HAZARDOUS CHEMICALS AND PESTICIDES
IN INTERNATIONAL TRADE



FORMOLA GĦAT-TWEĠIBA DWAR L-IMPORTAZZJONI

Pajjiż:	L-Unjoni Ewropea L-Istati Membri: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja.
----------------	---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

TAQSIMA 1 IDENTITÀ TAS-SUSTANZA KIMIKA

1.1	Isem komuni	Aċidu perfluworoottanojku (PFOA), l-imluħa tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA
1.2	Numru tal-CAS	335-67-1
1.3	Kategorija	<input type="checkbox"/> Pestiċida <input checked="" type="checkbox"/> Industrijali <input type="checkbox"/> Formulazzjoni ta' pestiċida perikoluża ħafna

TAQSIMA 2 JEKK KIEN HEMM TWEĠIBA PREĊEDENTI, INDIKAZZJONI DWARHA

2.1	<input checked="" type="checkbox"/>	Din hija l-ewwel darba li qed tintbagħat tweġiba dwar l-importazzjoni ta' din is-sustanza kimika fil-pajjiż.
2.2	<input type="checkbox"/>	Din hija modifika ta' tweġiba preċedenti. Data tal-ħruġ tat-tweġiba preċedenti:

TAQSIMA 3 TWEĠIBA DWAR IMPORTAZZJONI FUTURA

<input checked="" type="checkbox"/>	Deċiżjoni finali (Imla t-taqsima 4 ta' hawn taħt) JEW	<input type="checkbox"/> Tweġiba interim (Imla t-taqsima 5 ta' hawn taħt)
-------------------------------------	--------------------------------------------------------------	----------------------------------------------------------------------------------

TAQSIMA 4 DEĊIŻJONI FINALI, SKONT IL-MIŻURI LEĠIŻLATTIVI JEW AMMINISTRATTIVI NAZZJONALI

4.1	<input type="checkbox"/>	M'hemm l-ebda kunsens għall-importazzjoni	
		L-importazzjoni tas-sustanza kimika hija pprojbita simultanjament mis-sorsi kollha?	<input type="checkbox"/> Iva <input type="checkbox"/> Le
		Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija pprojbita simultanjament?	<input type="checkbox"/> Iva <input type="checkbox"/> Le

4.2 **Kunsens għall-importazzjoni**

4.3 **Kunsens għall-importazzjoni skont kundizzjonijiet speċifiċi biss**

Il-kundizzjonijiet speċifiċi huma:

Skont il-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.06.2019, p. 45), it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-aċidu perfluworooottanojku (PFOA), l-imluħa u l-komposti relatati mal-PFOA huma permessi biss permezz ta' deroga, għall-finijiet li ġejjin:

- (a) għall-proċessi ta' fotolitografija jew ta' inċiżjoni fil-manifattura tas-semikondutturi, sal-4 ta' Lulju 2025;
- (b) għall-kisjiet fotografiki applikati għall-films, sal-4 ta' Lulju 2025;
- (c) għat-tessili għar-reżistenza għaż-żejt u l-ilma għall-protezzjoni tal-ħaddiema minn likwidi perikolużi li jinvolvu r-riskji għas-saħħa u s-sikurezza tagħhom, sal-4 ta' Lulju 2023;
- (d) għall-apparati mediċi invażivi u li jiġu impjantati, sal-4 ta' Lulju 2025;
- (e) għar-ragħwa għat-tifi tan-nar li tintuża biex trażżan il-fwar tal-fjuwil likwidu u n-nirien li jieħdu mill-fjuwil likwidu (nirien tal-Klassi B) li huma diġà installati f'sistemi, kemm dawk mobbli kif ukoll dawk fissi, sal-4 ta' Lulju 2025, soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (i) il-fowm tat-tifi tan-nar li fih, jew li jista' jkun fih, il-PFOA, l-imluħa tiegħu, u/jew komposti relatati mal-PFOA ma għandux jintuża għat-taħriġ;
 - (ii) il-fowm tat-tifi tan-nar li fih, jew li jista' jkun fih, il-PFOA, l-imluħa tiegħu, u/jew komposti relatati mal-PFOA ma għandux jintuża għall-ittestjar dment li ma tkunx ikkonfinata kull emissjoni tagħhom;
 - (iii) mill-1 ta' Jannar 2023, l-użu tal-fowm tat-tifi tan-nar li fih, jew li jista' jkun fih, il-PFOA, l-imluħa tiegħu, u/jew komposti relatati mal-PFOA għandu jkun ristrett għal siti fejn kull emissjoni tagħhom tista' tiġi kkonfinata;
 - (iv) il-ħażniet tal-fowm tat-tifi tan-nar li fih, jew li jista' jkun fih, il-PFOA, l-imluħa tiegħu, u/jew komposti relatati mal-PFOA għandhom jiġu trattati f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/1021.
- (f) l-użu tal-bromur tal-perfluworottal li fih il-jodur tal-perfluworottal għall-produzzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi.

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess Iva Le għas-sorsi kollha tal-importazzjoni?

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess Iva Le bħal dawk għall-importazzjonijiet kollha?

4.4 **Miżura leġiżlattiva jew amministrattiva nazzjonali li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni finali**

Deskrizzjoni tal-miżura leġiżlattiva jew amministrattiva nazzjonali:

Il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-aċidu perfluworooottanojku (PFOA), l-imluħa tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA huma pprojbiti fl-Unjoni, soġġetti għal ċerti eżenzjonijiet, skont ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019, dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.06.2019, p. 45).

TAQSIMA 5 TWEĠIBA INTERIM

5.1	<input type="checkbox"/>	M'hemm l-ebda kunsens għall-importazzjoni		
		L-importazzjoni tas-sustanza kimika hija pprojbita simultanjament mis-sorsi kollha?	<input type="checkbox"/>	Iva <input type="checkbox"/> Le
		Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija pprojbita simultanjament?	<input type="checkbox"/>	Iva <input type="checkbox"/> Le

5.2 **Kunsens għall-importazzjoni**

5.3 **Kunsens għall-importazzjoni skont kundizzjonijiet speċifiċi biss**

Il-kundizzjonijiet speċifiċi huma:

--

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess Iva Le għas-sorsi kollha tal-importazzjoni?

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess bħal dawg għall-importazzjonijiet kollha? Iva Le

5.4 **Indikazzjoni ta' kunsiderazzjoni attiva sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali**

Hemm deċiżjoni finali li qed tiġi kkunsidrata b'mod attiv? Iva Le

5.5 **Informazzjoni jew assistenza mitluba sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali**

Qed tintalab l-informazzjoni addizzjonali li ġejja mingħand is-Segretarjat:

--

Qed tintalab l-informazzjoni addizzjonali li ġejja mingħand il-pajjiż li nnotifika l-azzjoni regolatorja finali:

Qed tintalab l-assistenza li ġejja għall-evalwazzjoni tas-sustanza kimika mingħand is-Segretarjat:

--

TAQSIMA 6 TAGĦRIF ADDIZZJONALI RILEVANTI, LI JISTA' JINKLUDI:

Din is-sustanza kimika hija rreġistrata fil-pajjiż bħalissa?	<input checked="" type="checkbox"/>	Iva	<input type="checkbox"/>	Le
Din is-sustanza kimika hija mmanifatturata fil-pajjiż?	<input type="checkbox"/>	Iva	<input type="checkbox"/>	Le
Jekk wegħibt iva għal xi waħda minn dawn il-mistoqsijiet:				
Din is-sustanza kimika hija maħsuba għall-użu domestiku?	<input type="checkbox"/>	Iva	<input type="checkbox"/>	Le
Din is-sustanza kimika hija maħsuba għall-esportazzjoni?	<input type="checkbox"/>	Iva	<input type="checkbox"/>	Le

Rimarki oħra

F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p.1), li jimplimenta fl-Unjoni s-Sistema Globalment Armonizzata tal-Klassifikazzjoni u t-Tikkettar ta' Sustanzi Kimiċi tan-NU, l-aċidu perfluworooottanojku (PFOA) (numru tal-CAS 335-67-1) huwa kklassifikat bħala:

Tossiċità Akuta 4 – H302 – Jagħmel il-ħsara jekk jinbela'.

ħsara lill-Għajnejn 1 – H318 – Jikkawża ħsara serja fl-għajnejn.

Tossiċità Akuta 4 – H332 – Jagħmel il-ħsara jekk jinġibed man-nifs.

Karċinoġeniċità 2 – H351 – Suspettat li jikkawża l-kanċer.

Treddiġh – H362 – Jista' jagħmel ħsara lit-tfal imreddgħa.
 STOT RE 1 – H372 (fwied) – Jikkawża ħsara lill-organi b'esponiment fit-tul jew ripetut.
 Riproduzzjoni 1B – H360D – Jista' jagħmel ħsara lit-tarbija fil-ġuf.

TAQSIMA 7 AWTORITÀ NAZZJONALI DEŻINJATA

Istituzzjoni	Il-Kummissjoni Ewropea, DĠ Ambjent
Indirizz	Rue de la Loi 200, 1049 Brussell, il-Belġju
Isem il-persuna inkarigata	Dr. Juergen Helbig
Pożizzjoni li tokkupa l-persuna inkarigata	Koordinatur tal-Politika Internazzjonali tas-Sustanzi Kimiċi
Telefown	+32 22988521
Faks	+32 22967616
Email:	Juergen.Helbig@ec.europa.eu

Data, firma f'isem l-awtorità nazzjonali deżinjata u siġill uffiċjali: _____

IBGĦAT LURA L-FORMOLA MIMLIJA LIL:

Secretariat for the Rotterdam Convention
 Food and Agriculture Organization
 of the United Nations (FAO)
 Viale delle Terme di Caracalla
 00100 Roma,
 ITALIA
 Tel. +39 0657053441
 Faks +39 0657056347
 Email: pic@pic.int

JEW

Secretariat for the Rotterdam Convention
 United Nations Environment
 Programme (UNEP)
 11-13, Chemin des Anémones
 CH-1219 Châtelaine, Geneva
 SWITZERLAND
 Tel. +41 229178177
 Faks +41 229178082
 Email: pic@pic.int